GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 17 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it- Tnejn 12 ta’ April 2010, fil-5.30 pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |

Uffiċċjali

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) Skeda ta’ Ħlas Marzu 2010

   b) Petty Cash Marzu 2010
5. Fuljett;
6. Tender;
7. Ġnien u Żebbuġ;
8. Rock Cut;
9. Jum Ħal Għaxaq;
10. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduti Nru 16 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

Dwar item 3.2 dwar il-Jum Dinji tas-Saħħa irċevejna email mingħand is-Sinjura Claudette Abela Baldacchino fejn infurmatna li talbet għajnuna biex isir tournament il-Ħadd 11 ta' April 2010. Dan it-tournament issa ser isir fl-24 ta' April 2010 lejliet Jum Ħal Għaxaq. Ġie deċiż mill-Kunsill biex jingħata ċertifikat lill-parteċipanti ta' dan it-tournament.

Dwar item 3.3 applikazjoni tal-MEPA 421/10 fuq alterazzjonijiet fi Triq il-Pitirross, is-Segretarju bagħtet ittra lil-MEPA fejn dawn infurmawha li min irid jista' jara l-applikazzjoni proposta l-uffiċini tal-MEPA l-Furjana. Is-Sindku qal li jkun aħjar jekk il-Kunsill imur il-MEPA flimkien mal-Perit tal-Kunsill, is-Sur Marvin Ellul biex jara jekk hux se jinħoloq x'ostakolu għar-residenti. Ġie deċiż li s-Sindku jmur mal-Perit.

Dwar item 3.4 fejn ġie deċiż fl-aħħar laqgħa li l-Kunsill jissieħeb fl-ECAD ta' Sweden, is-Segretarju flimkien mas-Sindku se jagħmlu Bank Draft ta' €160.

Dwar item 3.2.f. Is-Sindku u s-Segretarju ltaqghu mad-Direttur tal-ħabs, is-Sur Abraham Zammit fejn dan ta' l-aħħar qal li ma sab l-ebda diffikulta' li jibgħat lis-Sur Ninu Falzon jagħmel xogħol f'Ħal Għaxaq iżda dan ma jibgħatux waħdu. Is-Sur Zammit qal li hu jrid jibgħat tlieta minn nies għax inkella tnejn jiftehemu u forsi jitilqu w tlieta mhux dejjem jiftehmu. Qal ukoll lis-Sindku li jippreferi li dawn ma jaħdmux ma' nies oħra li jaħdmu mal-Kunsill. Is-Sur Zammit qal lis-Sindku li dan ta' l-aħħar irid imur għalihom u jerga' jeħodhom lura fil-ħamsa ta' filgħaxija. Irid ukoll jipprovdilhom x'jieklu u jixorbu matul il-ġurnata. Il-Kunsill qabel li dawn jingħataw x'jieklu u x'jixorbu. Is-Sur Zammit żied jgħid li dawn ma jistgħux jitħallew joqgħodu jitkellmu għal ħin twil ma' nies li jkunu għaddejjin u jekk jiġu xi familjari dawn kemm isellmulhom iżda mhux imorru magħhom. Dawn in-nies ma jistax ikollhom flus u lanqas jixorbu birrer jew spirti. Is-Sur Zammit qal ukoll li jixtieq li la darba joħrog fuq xogħol is-Sur Falzon li baqgħalu sentejn oħra ħabs x'jiskonta, ma jkollux jerġa' jidħol il-ħabs għal żmien twil u għalhekk jixtieq li s-Sindku jżommu għal sentejn. Is-Sur Vassallo qal li hu jsiblhu xogħol għal sentejn.

Is-Sur Zammit talab lis-Sindku biex jibgħat rikjest dwar dan il-għan.

Is-Sindku żied jgħid li t-tnejn li se jibgħat mas Sur Falzon se jgħażilhom is-Sur Falzon biex ikunu jaqblu flimkien. Is-Sindku qal li s-Sur Falzon hu raġel tas-sena u l-ħsieb hu li dawn jaħdmu fil-parti tal-ġnien li qiegħed jagħmel il-Kunsill u wara jibgħathom inaddfu l-Wied ta' Ħaxum fejn hemm iż-żebbuġ. Is-Segretarju staqsiet jekk dawn ikollhomx għalfejn jiġu l-Kunsill minħabba ċertu sigurta'. Is-Sindku qal li hu jġibhom u jwassalhom fil-post u jerġa' jiġborhom u jwassalhom lura u ma jkollhomx għalfejn jiġu l-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li jekk ikun hemm xi problemi dawn inwaqqfuhom.

Dwar item 6. Is-Segretarju qalet li hi ċċekjat it-*time sheets* tal-*part-timer* is-Sinjura Said minħabba li s-Sur Abdilla qal li minn tagħrif li għandu din kienet qegħda taħdem 12 il-siegħa biss u irriżulta mit-*time sheets*, ġimgħa waħda kien hemm li ħadmet 12 il siegħa biss. Is-Segretarju ppreżentat it-*time sheets* tal-*part-timer* għal min ried jiċċekkjahom. Is-Segretarju staqsiet is-Sinjura Said x'riċerka qegħda tagħmel u din wieġbet li hi tiċċekja x'*updates* ikun hemm fuq sit tal-PPCD.

**3. <u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u emails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rċevejna dwar Toroq li saru matul is-sena 2009, fejn din ġiet imwieġba.
   Irċevejna wkoll dwar ġemellaġġ ma' raħal fi Sqallija.
   Ikkonfermajna l-attendenza tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għall-Konferenza Stampa li saret fit-30 ta' Marzu, 2010 ( Memo 32). Il-Kunsill ingħata ċekk ta €4,200.
   Dwar Memo 38 fuq ir-rotta li ser jgħaddi minnha l-Q.T. Papa u fuq l-istess suġġett infurmaw ukoll minħabba l-bnadar li huma responsabbilta' tal-Kunsill sabiex jitellgħu u li jkunu f'kundizzjoni tajba fiż-żewġ dati taż-żjara anke rigward is-sinjali tat-traffiku kemm fir-rotta kif ukoll dawk it-toroq li jmissu magħhom jkunu tajbin.
   Irċevejna wkoll dwar proprejta' li ġiet devoluta lill-Kunsill jekk hemmx *playing field* jew le, fejn din ġiet imwieġba.
   Mid-Dipartiment infurmaw ukoll li ser isir *Workshop* dwar '*Improving Access to ICT Skills : The South Yorkshire Experience*' fit-28 ta' April, 2010, ġewwa Dar il-Mediterran għal Konferenzi.
   Infurmaw ukoll bil-ħatra ġdida li s-Sur Cleavon Vella ingħata bħala Assistant Direttur għall-Ġvern Lokali minflok is-Sur Farrugia.

   Irċevejna wkoll Memo 44/2010 – Mistoqsija Parlamentari Nru, 15514, fejn ġiet imwieġba.
   Memo 45/2010 dwar Kuntratti Ġodda dwar Resurfacing ta' Toroq b'Sistema ta' PPP, fejn din ġiet imwieġba u rċevejna rċevuta wkoll.
   Memo 46/2010 dwar MEUSAC-Għajnuna fil-mili tal-Applikazzjonijiet għal Proġetti taħt il-Programmi ta' Fondi tal-EU, fejn il-Kunsilli Lokali ser ikunu marbutin bi ftehim mal-MEUSAC u wkoll isir ħlas forma ta' depożitu, fejn dan jiġi rifondut il-Kunsill meta l-applikazzjoni tkun lesta sabiex iż-żewġ partijiet jirrispettaw lil xulxin u jilħqu l-għanijiet tagħhom fid-*deadlines* rikjesti.
   Memo 47/2010- Mistoqsija Parlamentari Nru. 15985, fejn din ġiet imwieġba.
   Memo 48/2010- Mistoqsija Parlamentari Nru. 15986 u 15987, dawn ġew imwieġba
   Memo 49/2010- Mistoqsija Parlamentari Nru. 15988, din giet imwiegba.
   Memo 50/2010- Manutenzjoni u Kisi mill-ġdid ta' toroq għas-sena 2010, fejn din ġiet imwieġba.

Memo 51/2010- Wifi Access Points biex isiru points ġodda. Kif ukoll dwar il-ħlas ta' 10 euro għas-servizz ġewwa l-Kunsill. Dwar din il-Memo ġie deċiż li jsir WiFi Point fuq Santu Rokku.
Memo 52/2010 dwar Skema ta' Għajnuna għal Korsijiet *Lifelong Learning*. Sar qbil mill-Kunsill li napplikaw għal din l-iskema biex isiru korsijiet ta' l-Ingliż u tal-Malti, kif ukoll tal-kompjuter.

2.Mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rċevejna ittra lil WSC Kjarifika u l-proċeduri biex jingħata permess u wkoll irċevejna e-mail oħra marbuta ma' dan is-suġġett fejn il-WSC qed tirrikonoxxi xi ħlasijiet. Is-Sindku qal li l-WSC se tħallas id-dejn li għanda mal-Kunsilli.
Irċevejna wkoll dwar il-Patt tas-Sindki, sabiex isir *update* tal-profil fuq il-*website* u dan ser jieħu ħsieb li jagħmlu s-Sur Magro ta' l-A.K.L. Dwar l-istess suġġett irċevejna e-mail bil-lista ta' dawk il-Kunsilli li ssieħbu sabiex minn sena ta' l-iffirmar irid jintbagħat rapport u min jonqos li jagħmel dan jiġi xolt mill-ftehim.
Dwar il-ħarġa tat-tieni *Newsletter* dwar il-Proġett MED imsejjaħ PHILOXENIA. Dan il-proġett ġie diskuss fil-laqgħa tas.-Sindki.
In-*Newlestter* ta' l-Assoċjazzjoni għax-xahar ta' Marzu.
Irċevejna wkoll Ċirkulari AKL Cirk 26/2010 – *MEPA Policy on the Permitting of Large Combustion Plants*.
Irċevejna e-mail dwar Dr. Sammut vs Kumitat Konġunt Żejtun li seduta li jmiss ser issir fil-15 ta' April, 2010, fis-2:00 p.m.
Mill-AKL irċevejna wkoll dwar Laqgħa għas-Sindki tar-Reġjun Nofsinhar fit-8 t'April, 2010, fil-5 p.m. ġewwa l-Qrendi. Dwar din il-laqgħa s-Sindku qal li r-Regun jehtieg post biex isir ufficcju u inhatar kumitat biex jevalwaw l-applikazzjonijet għal Segretarju.
Infurmaw ukoll dwar l-istedina li l-Kunsill għandu mingħand MCA fuq *e-Inclusion Workshop* li ser isir fit-28 ta' April, 2010.

3. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar Applikazzjonijiet Ġodda ta Żvilupp Nru. PA 5653/09 dwar kostruzzjoni ta' *store* fis-sit il-Maqgħad limiti ta' Ħal Għaxaq.
Applikazzjonijiet Ġodda ta' Żvilupp bin-Nru. PA 730/10 fi Triq iż-Żejtun sabiex dar tinbidel f'Uffiċċini u PA 1016/10 fi Triq id-Dejl għal alterazzjonijiet fil-ħanut 'Super Value'.
Irċevejna wkoll dwar il-*Minor Amendments* fuq PA 4522/07 tal-*football pitch*, bħala rċevuta, infurmaw ukoll li dan l-*amendment* ma jistax jiġi aċċettat u jrid isir *full development permit application* fejn il-Perit tal-Kunsill ġie mgħarraf b'dan ukoll. Dwar din is-Sindku qal li l-Perit bagħat kopja tal-pjanta oriġinali rranġata bil-biro u l-MEPA m'aċċetathiex, barra minnhekk din il-pjanta ma kienetx tinkludi l-arbli tad-dawl, il-fence ta' madwar il-grawnd, u r-rampa li saret mil-kuntrattur ma kienetx skond il-pjanta.
Is-Segretarju qalet li dan mhux sewwa għax il-Perit qiegħed jitħallas biex jispezzjona x-xogħol u għalhekk kellu jinduna li r-rampa saret ħażin, jaf ukoll li pjanta ma titrangax bil-biro għalkemm is-Sindku qal li l-Perit qal li s-soltu tal-MEPA jaċċettaw dan. Is-Segretarju qalet li jeħtieg inkellmu lill-Perit għax ma jidhirx li qiegħed jagħmel xogħolu sew. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill, is-Sur Marvin Ellul.
Bagħatu wkoll Notifika ta' Avviż f'Dawret Ħal Għaxaq.

Irċevejna wkoll e-mail dwar amenda f'permess bin-Nru. PA 1305/04 fi Triq G. D'Arena sabiex tinbena *cow shed* oħra fl-istess razzett u ġejna mitluba wkoll li jekk il-Kunsill għandu xi dubji relatati ma' dan l-iżvilupp fir-rigward ta' *environmental impacts* jista' jagħmel dan bil-miktub sa mhux aktar tard mit-23 ta' April, 2010.

4. Mingħand l-Onor. Dr. C. Said dwar il-Konferenza Annwali li ser issir ġewwa Għawdex bejn it-22 u l-24 ta' April, 2010 kontra l-abbuż tad-droga, fejn il-Kunsill qed jiġi mħeġġeġ sabiex jattendi, għal dan il-għan intbagħatu *Registration Forms* tas-Sur Vassallo u Picco rispettivament lill-Kunsill Lokali ta' Pembroke.

5. Mingħand is-Sur J. Debattista, Uffiċċjal Inkarigat Librerija Pubblika u Libreriji Reġjonali u Fergħat dwar il-Kampanja Libreriji li saret fit-30 ta' Marzu, 2010, li għaliha attendew is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

6. Mit-Transport Malta fejn infurmaw li ser isir *Seminar* , fil-15 ta' April, 2010, ġewwa Dar il-Mediterran il-Belt Valletta, fejn ser jattendi s-Sindku għalih.

7. Mingħand Daniel Tabone tal-*Green Pak* fejn talab sabiex issir laqgħa dwar il-ġbir ta' l-iskart separat. Is-Sindku qal li jehtieg issir laqgħa ma' Daniel Tabone dwar skips żgħar għal quddiem l-iskola. Il-Kunsill qabel.

8. Irċevejna *e-mail* mingħand Ms Magro dwar is-sistema l-ġdida ta' *LES V2*, fejn ser isiru xi ġranet ta' eżerċizzju bejn it-12 u s-16 ta' April,2010, għall-attendenza ta' sezzjoni waħda ta' sagħtejn, għal dawk kollha li jagħmel użu mis-sistema.

9. Mill-ETC informa li s-Sur Portelli li jinsab mal-Kunsill fuq l-Iskema Xogħol fil-Komunita' il-parteċipazzjoni tiegħu ġiet estiża għal sitt xhur oħra.

10. Mill-MEUSAC irċevejna dwar *Memorandum of Understading* dwar l-Iskema ERDF fejn il-Kunsill infurma li ser iwaqqaf il-proċess peress li s-sit li jixtieq li jibbenefika minnha jrid l-ewwel jiġi devolut lill-Kunsill, fejn sfortunatament dan il-proċess jieħu fit-tul.

11. Mingħand l-Għaqda Mużikali San Ġużepp fejn infurmaw li l-Awtorita' tat-Transport ma sabet l-ebda oġġezzjoni għat-talba li għamlu sabiex in-nar ta' l-art tal-festa jiġi trasferit fi Triq il-Belt Valletta, fejn qed jerġgħu jressqu t-talba tagħhom quddiem il-Kunsill. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Għaqda tarma n-nar nhar il-Ħamis qabel il-festa u żżarmah it-Tlieta ta' wara il-festa.
Is-Sindku talab li l-ħofor għall- arbli tan-nar isiru mill-Kunsill biex ikunu jistgħu jintużaw minn kull min irid li jaġħmel uzu minnhom. Il-Kunsill qabel.

12. Mingħand it-TCTC dwar il-Kors e-Tfal għas-Sajf.

13. Mingħand is-Sierra Book Distributors dwar il-Ktieb ta' Annabelle Vassallo – Irrid Ngħix.

14. Mis-Segretarjat tal-Partit Laburista stedina għas-Sindku mill-Fondazzjoni Ideat fit-23 ta' April, 2010.
Mill-FZL irċevejna stedina wkoll għall-Kunsill sabiex isir it-tqegħid tal-fjuri quddiem il-monument ta' Jum il-Ħelsien, fil-31 ta' Marzu, 2010.

15. Irċevejna e-mail mingħand Ms Buhagiar dwar Kwestjonarju dwar il-Fondi mill-EU u l-Kunsilli Lokali f'Malta. Giet imwieġba.

16. Mingħand l-Ispettur Portelli fejn talab sabiex isir il-laqgħa miegħu ta' kull xahar.
Irċevejna wkoll mid-Drug Squad sabiex isir laqgħa fuq l-abbuż tad-droga.

17. Stedina mill-Kunsill Lokali tal-Furjana għal '*Premiere*' ta' l-Oratorio San Publju ta' Malta , fit-13 ta' April, 2010, fis-7:30 p.m.

18. Ittra ta' ringrazzjament lill-Kunsill Lokali mill-familja Attard għas-sobgħba ta' ommhom Anna.

19. Mingħand Green Skips Services dwar Night Owl Brocher u wkoll il-prodotti li joffru. Il-Kunsillier Attard qal li l-Kunsill jista jipprova tnejn minn dawn in-Night Owls. Il-Kunsill qabel.

20. E-mail mingħand il-Prof. E. Scicluna stedina għal Laqgħa Pubblika fis-16 ta' April, 2010.

21. E-mail mingħand is-Sur Joe Camilleri ta' l-MRRA fejn talab x'informazzjoni dwar is-sistemi ta' l-iskart. Din intbagħatet għal attenzjoni tal-Green Pak.

22. Mingħand il-*Grant Thornton* irċevejna *Draft* tal-*Management Letter* sal-31 ta' Diċembru, 2009.

23. Mingħand il-Kunsill Lokali Mġarr is-Sindku rċieva stedina għal 'Festa Frawli' li seħħet fil-11 ta' April, 2010.

24. Stedina għal Kunsill mill-Kulleġġ San Bendittu Skola Primarja Għaxaq għall-Għoti ta' Premijiet, fl-14 ta' April, 2010, fis-6:00 p.m.

25. Stedina oħra għas-Sindku mill-Kulleġġ San Bendittu Liċeo Bniet ta' St.Luċija għall-Għoti tal-Premijiet fil-21 ta' April, fis-6:00 p.m.

26. Stedina għas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv mingħand Mount Carmel Hospital b'kollollaborazzjoni ma' l-Actavis dwar is-Saħħa Mentali, fil-11 ta' Mejju, 2010, fit-8:30 a.m. San Ġiljan.

27. Irċevejna wkoll il-programm meta l-Papa ser jiltaqa' maż-Żgħażagħ il-Ħadd, 18 ta' April, 2010, ġewwa l-*Valletta Waterfront.*

28. Mingħand l-ASKLM infurmaw li ser jiġu organizzati korsijiet dwar *creative thinking* għas-Segretarji Eżekuttivi u impjegati, dan qiegħed bi ħlas ta € 60 jekk jinkitbu 3 persuni jew aktar.

29. Irċevejna e-mail, fejn qed jilmenta dwar l-istat li tinsab fih Triq ir-Rebbiegħa, fejn din ġiet imwieġba li x-xogħol għadhu għaddej f'din it-triq.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatu e-mails u anke ittri lil Prim Ministru u wkoll lill-Onor. Mario DeMarco rispettivament rigward l-Impjant tar-Rockcut ( PA 4147/09) fejn ġew mgħarrfa li qed jopera mingħajr il-permessi meħtieġa u anke intbagħat ritratt bħala evidenza li qed jaħdem. Is-Sindku qal li minħabba li ma rċieva ebda risposta reġa' baghatilhom kopja ta' l-ittri reġistrati

b) Lill-MEPA fejn il-Kunsill talab aktar dettalji dwar il-Permess bin-Nru. PA 421/10 ta' Triq il- Pitirross, fejn wieġeb li ser isir tibdil minn Class 4 għal dik 11 u wkoll tinkludi xi alterazzjonijiet interni.

c) Rigward il-laqgħa li kellhom is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv mas-Sur Zammit ta' MJHA dwar il-ħabsi Ninu Falzon sabiex ikun jista' jagħmel xogħol fil-komunita', intabagħatet e- mail sabiex is-Sur Falzon jiġi jagħmel dan ix-xogħol ġewwa Ħal Għaxaq.

d) Intbagħatu żewġ talbiet għal kwotazzjonijiet lill-Asfaltar Ltd. u lill-Polidano Bros. rispettivament, dwar il- prezzijiet li jipprovdu għal boroz tal-*cold tarmac*. Polidano Group wieġbu li l-prezz tagħhom huwa € 76.00 kull tunnellata excl. il-VAT.

e) Intbagħatet e-mail lill-Onor. C. Said dwar il-Proġett Comenius, fejn għidna li s-Surmast ta' l- Iskola ser iġib xi għalliema u jixtieq li jeħodhom f'xi Mużewijiet u dan ġie mitlub biex iħallas, fejn l-Onor. Said wieġeb li ser jara kif jista' jagħti l-kontribut tiegħu għal dan il-għan.

f) Intbagħatet l-Applikazzjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar id-Devoluzzjoni tat-Turretta. Irċevejna rċevuta.

g) Intbagħatet e-mail lill-Onor. Dolores Christina sabiex issir laqgħa magħha peress li l-Kunsill wera' xewqa sabiex il-bejt ta' l-Iskola fi Triq il-Gudja jservi bħala sodda għal *solar panels*, fejn irċevejna rċevuta u li ser jgħadduha lis-Segretarjat fi ħdan l-istess Ministeru.

h) Intbagħatet e-mail lis-Sur Giordmaina tal-WSC sabiex issir laqgħa miegħu peress li l-Kunsill wera' xewqa li jinstalla *solar panels* fuq is-saqaf tal-ġibjun li jinsab fil-Bypass.

i) Intbagħatet e-mail lill-Prof. Scicluna sabiex jiltaqa' mal-Kunsill.

**Fis-7.30pm il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit ħin**.

**Il-Kunsillier Picco telaq mill-laqgħa minħabba mpenji familjari.**

4. **Materji Finanzjarji**

*4.1.1* Il-Viċi Sindku fiehem x'tikkomprendi l-*Management Letter* u rrakkomanda aġġustamenti. Is-Segretarju se tressaq il-kummenti lill-Awdituri wara li tiddiskuti l-*Management Letter* ma' l-Accountant. Il-Kunsill qabel.

*4.1.2* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Marzu u li kienu jammontaw għal €8.79. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

*4.1.3* *Skeda ta' Ħlas –Marzu 2010*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Marzu 2010 u li jammontaw għal €21,002.71. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġie sekondat mis-Sur Picco. Il-Kunsill qabel unanimament.

5. **Fuljett**

Il-Viċi Sindku qal li hu lesta l-artiklu biex jidher fil-fuljett, is-Sindku qal ukoll li għandu l-artiklu lest. Is-Sinjura Agius ser tlesti l-artiklu u tgħaddih lill-kunsillier Picco. Il-materjal se jieħu ħsieb il-kumpilazjoni tiegħu il-Kunsillier Picco.

6. **Tender**

Waqt il-laqgħa tal-kunsill infetħu l-offerti għas-"Sustainable Energy Action Plan for the locality of Ghaxaq". Instab li kien hemm offerta waħda biss u din kienet mingħand Econing Engineering Consultancy. L-offerta ġiet iċċekjata u kien hemm r-rikjesti mitluba iżda kien hemm mistoqsija dwar il-prezz, għaliex filwaqt li l-Kunsill talab kwotazjoni tal-prezz għal kull siegħa xoghol, il-Kumpanija E.E.C. ikkwotat somma globali.

Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li tiġi kkuntatjata l-kumpanija biex nivverifikaw din il-kwotazzjoni qabel ma tittieħed deċiżjoni. Il-kunsill qabel.

7. **Ġnien u Żebbuġ**

Dan is-suġġett ġie diskuss f'Tagħrif mill-Minuti 3.2.f 'aktar il-fuq.

8. **Rock Cut**

Wara laqgħa li l-Kunsill kellu ma' l-avukat tal-Kunsill Dr Luciano Busuttil ġie deċiż li terġa' tintbagħat email lill-Ispettur tad-distrett, l-Ispettur Mercieca biex il-Kunsill ikun jaf jekk kienx hemm xi żvilupp fuq ir-rapport li kien sar. Jekk ma jkun sar xejn, il-Kunsill jiftaħ kawża t'inibizzjoni.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**9. Jum Ħal Għaxaq**

Is-Sindku qal li l-attivitajiet għal Jum Ħal Għaxaq din is-sena se jibdew is-Sibt 24 ta' April 2010 b'tournament tal-futbol tat-tfal tan-*Nursery* . Fil-Jum propju ser issir il-Quddiesa filgħodu fid-9.00 u riċeviment fis- Sala Parrokkjali fis-7.30 ta' filgħaxija. Wara l-quddiesa ser issir logħba futbol bejn iż-żewġ każini u l-kappillan ser ikun ir-referee. Il-Kunsill qabel li ż-żewġ każini jingħataw tifkira ta' l-okkażjoni.Hu qal ukoll li saru arranġamenti biex issir wirja tal-karozzi FORD fuq Santu Rokku filgħodu.

Il-Kunsill ikkonferma n-nomina ta' Rev. Dr. Joe Inguanez bħala persuna li kellha tingħata Ġieh Ħal Għaxaq għal din is-sena.

Is-Sinjura Agius pproponiet ħarga kulturali għal Limestone Heritage.

Ġiet approvata wkoll il-lista tal-mistednin wara li sar qbil li jiġu mistiedna ukoll iż-żewġt itfal li rebħu t-tournament tal-boċċi.

**9. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

1. Is-Sur Vassallo qal li fi Triq id-Dejl il-bankina għanda bżonn li tiċċekken biex isir post għal parking. Il-Kunsill qabel.

2. Is-Sindku qal li ġejna mitlubin inressqu l-iskips mill-ByPass minħabba li ser jgħaddi l-Papa.

3. Is-Sinjura Agius qalet li fi Triq il-Ħannieqa hemm biċċiet mill-bankina li għadhom bżonn jingħataw il-konkos. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li ssir mera proviżorja fi Triq Birżebbuġia minħabba li hemm periklu għax bil-ħajt li hemm ġo sit li għadu mhux mibni persuni li joħorgu minn garaxx ma jistgħux jaraw il-karozzi li jkunu ġejjin.

5. Is-Sur Attard qal li Triq Għar Dalam hemm il-ħtieġa ta' bozza.

6. Is-Sinjura Agius qalet li hemm bozza maqtugħa fi Triq il-Ħannieq m'arblu fuq id-dar bl-isem "Apollo 1".

7. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jsir survey fi Triq Combini għal-livelli tat-Toroq għal proġetti futuri. Il-Kunsill qabel.

## 9. **Aġġornament**

Is-Sindku fl-9.00 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar il-Ħamis, 29 ta' April, 2010, fis-2:00 p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati:- Il-Ħamis, 29 ta' April 2010, fis-2.00pm**